MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Numru 1061/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Joseph Azzopardi**

**Illum 21 ta' Frar, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Azzopardi ta' 61 sena iben il-mejjtin Carmelo w Maria nee Sammut mwieled Naxxar 3 ta' Mejju 1943u residenti 29, Triq Hal-Qormi l/o Attard w bin-numru tal-identita 386443(M) gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fl-20 ta' April

2004 w fiz-zmien ta qabel b'diversi azzjonijiet maghmula minnu anke jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. bhala detentur ta fond bla numru bl-isem 'Ta Nuza' sitwat fi triq l-Imdina Attard jew bhala persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu ta c-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bl-mezz, bil-hin w bil-valur li huwa iktar minn Lm100 izda ma jeccedix Lm1000 w dan kollu bi ksur tal-artikoli 263 (a), 264, 267 w 270 rispettivament tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess lok hin w cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarjiu u gumni ta l-elettriku jew ikkaguna telf ta kurrent tal-elettriku, u fl-ahhar talli ghamel hsara jew gharraq xi apparat jew parti mill-meter tal-elettriku jew sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvsta tal-elettriku jew sigilli taghhom w dan kollu bi ksur tal-artikolu 326 (1) c & f tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok DT1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Dennis Theuma iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261 (b), (c) u (f), 263 (a), 267, 270, 278(3), 280 (2) u 326 (1) (c) u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Azzopardi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Dennis Theuma iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Azzopardi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------